*Riċerka*

# Is-Sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof fil-Parroċċa ta' Birmiftuħ fis-sena 1575

Din il-Griżma, li saret fl-1575 hija l-eqdem waħda dokumentata f' Birmiftuħ. Din x'aktarx li saret f' Jannar ta' l-istess sena għax, flimkien magħha hemm ukoll listi tal-Griżma li saru kif ġej: fil-paroċċa Santa Katerina (Żejtun), fit-30 ta' Jannar 1575; fiż-Żurrieq, fis-6 ta' Frar 1575; f' Birkirkara, fit-13 ta' Frar 1575; fin-Naxxar, fl-14 ta' Frar 1575; fis-Siġġiewi, fis-16 ta' Frar 1575; u Għawdex, fis-6 ta' Marzu 1575. Għalkemm il-lista ta' Birmiftuħ turi s-sena 1575 biss, fl-istess lista nsibu tfal minn parroċċi oħrajn li kienu ġew jagħmlu l-Griżma f' Birmiftuħ, kif naraw aktar 'l quddiem. Dawn il-listi oriġinali jinsabu fl-arkivji tal-Katidral, l-Imdina.

**475 tifel u tifla rċevew is-Sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof f'Birmiftuħ, fl-1565**

Meta fl-1575, Mons. Pietru Dusina għamel viżta Pastorali lid-Djoċesi ta' Malta, fost affarijiet oħrajn kellu jara jekk kienux osservati r-riformi skond il-Konċilju ta' Trentu, u fejn jinstabu nuqqasijiet, dan kellu jordna rimedji għalihom. Fl-Arkivju Parrokkjali, r-reġistru tal-Griżma tal-Isqof beda jinżamm fis-sena 1625. X'sar mir-reġistrazzjonijiet tal-Griżma matul il-ħamsin sena ta' qabel ma nafux. Jista' jagħti l-każ li bħal ħafna affarijiet oħrajn li Mons. Dusina kien ordna biex issir reġistrazzjoni tal-Griżma fejn ma kenitx issir diġa', u dawn saru, iżda bosta snin wara. Eżempju ċar ta' dan huwa l-ordni li ta Mons. Dusina lill-Kappillan ta' Birmiftuħ biex jibda' jagħmel iċ-ċerimonja ta' Ras ir-Randan u ta' Ħadd il-Palm u b'hekk, il-fidili ma jkollhomx għalfejn jitilgħu l-Imdina għal dawn l-okkażjonijiet. Iżda din l-ordni ġiet fis-seħħ għoxrin sena wara jiġifieri, fis-sena 1594. B'xorti tajba, fl-Arkivji tal-Kattidral, għad hemm il-listi ta' 465 tifel u tifla li rċevew is-sagrament tal-Griżma tal-Isqof fis-sena 1575, fil-paroċċa ta' Birmiftuħ mill-Isqof ta' Malta Mons. Fra Martino Roias. Dawn kienu: 127 minn *Casal Luca*, 79 minn *Casal Gudia*, 76 minn *Casal Tarsel*, 67 minn *Casal Percop*, 35 minn *Casal Micabibe*, 33 minn *Casal Safi* u 11 minn *Casal Farruġ*. Ma' dawn kien hemm 25 oħra li għal xi raġuni min kiteb il-lista ma kitibx ir-raħal minn fejn kienu. Jista' jagħti l-każ li dawn kienu mill-Gudja u minn Ħal Luqa, il-casali l-iktar viċin tal-Knisja Parrokkjali, u kienu midħla sew ta' min kiteb il-lista u għalhekk xejn ma ħabbel rasu jniżżel minn fejn huma!

**Fl-Arkivju Parrokkjali, r-Reġistru tal-Griżma ta' l-Isqof beda jinżamm fis-sena 1625**

Barra minn dawn, kien hemm ukoll tnax oħra li ġew għas-sagrament tal-Griżma minn barra l-Parroċċa ta' Birmiftuħ. Każi bħal dawn setgħu kienu minħabba emigrazzjoni, ingaġġ fuq xi xwieni, mard u separazzjoni tal-ġenituri. Kien hemm ukoll każi fejn il-persuna tkun waslet għall- istat taż-żwieġ billi s-sagrament tal-Griżma kien ikun ilu ma jsir f'dik il-parroċċa. Dawn kienu Aluisius Greg minn *Casal Balcian*, Gerita Zammit, Valeria Aig u Joseph Vella minn *Casal Axiac*, Rugerus Casha minn *Casal Żabar*, Matteus Busuttil u Caterina Camilleri minn *Casal Żurico*, u Antonius Tard minn *Casal Biscalin*.

Meta nqabblu dawn il-figuri ma' dawk ddikjarati fir-rapport li sar fl-istess sena mill-viżitatur Appostoliku Mons. Dusina, naraw li s-sagrament tal-Griżma tal-Isqof kien ilu ma' jsir fil-parroċċa ta' Birmiftuħ għal numru ta' snin mhux ħażin. Dan jirriżulta mill-fatt li persuna minn kull dar li kien hawn, resqet għall-Griżma. Imqabblin



*L-ewwel paġna tad-dokument miżmum fl-Arkivji tal-Mużew tal-Katidral, l-Imdina. Din hija l-ewwel darba li l-isem Bir Miftuħ jissemma b'mod espliċitu f'dokument.*

mal-130 dar f'*Casal Luca* u t-80 dar f'*Casal Gudia,* resqu għall-Griżma 127 u 79 rispettivament. Dan nikkomparawh ukoll billi fl-istess lista insibu ħafna każi fejn tnejn jew tlett ulied mill-istess familja laħqu għall-Griżma.

Fil-lista tal-Griżma tal-1575, ir-reġistrazzjoni hija bħal ma tidher hawn taħt. L-ewwel, l-isem tat-tifel jew tifla, isem u kunjom il-missier u isem l-omm, u iktar l-isfel, minn fejn huma u isem u kunjom il-parrina jew parrinu:-

*Marietta fa. Antoni Vandun et Caterina*
*c. Gudia*
*Compater Pauli Bonavia*

F'xi każi jidher ukoll kunjom l-omm, li dan jista' jkun jew kunjom ta' xbubitha, jew biex jindika t-tfal, l-ulied ta' min huma, għaliex żwieġ minn nisa romol kien komuni fis-sekli sittax, sbatax u tmintax. Numru kbir ta' rġiel kienu jispiċċaw fil-jasar jew jintilfu fuq il-baħar. Hawn wieħed irid iqis in-numru kbir ta' mwiet ta' rġiel li sofriet Malta għaxar snin qabel, fl-Assedju tal-1565. Eżempju mill-istess lista jidher kif ġej:-

*Juanna fa. Zaifu Busuttil et Laurica Burlo*
*c. Tarsel*
*Compater Jo Hitaia*

Minn dan ir-rapport jidher li għal ħafna tfal ma kienx faċli li jsibu parrinu, jew ma kenux jħabblu rashom xejn li jersqu bil-parrini. Dan in-nuqqas joħroġ ċar ħafna meta fl-istess lista insibu 154 tifel jew tifla biss kellhom parrinu għal kull wieħed jew waħda minnhom. Kien hemm diversi li għamluha ta' parrini għal aktar minn tifel jew tifla waħda. Ħafna missirijiet li kienu għadhom kemm ressqu l-uliedhom għall-Griżma, kienu jintalbu biex jagħmlu parrinu għal dak li jkun imiss warajh. Billi minn dan ir-rapport jidher li l-Griżma ħadet ħin twil, u x'aktarx f'aktar minn jum wieħed, ħafna mit-tfal kienu jersqu għas-sagrament filwaqt li ma jkun hemm ħadd fil-knisja, għajr l-Isqof u xi saċerdot u forsi s-sagristan!

Dawn li ġejjin huma xi wħud minn dawk li kienu parrini għal numru kbir mhux ħażin ta' tfal fosthom, il-kappillan ta' Birmiftuħ, Don Bartolomeo Mangion:

| **Parrinu** | **Tfal** |
|---|---|
| Don Bartolomeo Mangion | 14 |
| Don Simoni Bonic | 23 |
| Don Pancratius Cafar | 28 |



*Paġna mid-dokument miżmum fl-Arkivji tal-Mużew tal-Katidral, l-Imdina.*

| | |
|---|---|
| Don Pancratius Michallif | 6 |
| Don Angeli Mallia | 2 |
| Francisci Mallia | 11 |
| Fangus Spiteri | 10 |
| Paulus Bonavia | 13 |
| Joseph Prat | 11 |
| Vincensi Hellul | 8 |
| Joseph Zammit | 9 |
| Grabiel Rodriguez | 6 |
| Nardi Imbrogi | 5 |
| Jacobi Schembri | 6 |
| Joseph Supard | 7 |
| Joseph Briffa | 7 |
| Joannes Mallia | 6 |
| Angelus Mallia | 6 |
| Joaines Vella | 6 |
| Domenicus Muscati | 11 |
| Lucas Paci | 7 |
| Angelus Paci | 7 |
| Laurentius Zammit | 5 |
| Petri Bonavia | 5 |

Ma' dawn li semmejt, kien hemm ħamsa u tletin persuna oħra li kienu parrini għal minn tnejn sa erbat itfal.

F'dan ir-rapport jidħlu ukoll il-kunjomijiet ta' familji ġodda li ġew il-Gudja kif ukoll fi rħula oħrajn, wara dawk li niltaqgħu magħhom fil-lista tal-Angara fl-1480c u iktar qabel, fl-1417/20 u 1425 tad-Dejma. Fost dawk ġodda fil-Gudja insibu Baldacchino, di Baudu, Barsac, Bellu, Bellia, Buttiġieġ, Corcop, Caruana, Farrugia, Falson, Fiteni, Francu, Greg, Gauci, Gauchi, Mallia, Morini, Micei, Pumares, Schembri, Sammut u Zammit.

Naraw ukoll li l-ismijiet bdew jieħdu xejra aktar ewropeja, meta mqabblin ma dawk ta'mija u ħamsin sena qabel. Fost dawn insibu Dominicus, Vincensa, Andria, Ginanella, Madalena, Sabella, Petrus, Crispinus, Simon, Marietta, Frangisci, Bartolomeus, Julius, Martina, Giandrea, Petrocia, Lucia, Nardi, Marianus, Imperia, Pancratius, Margerita, Grabieli, Costancio, Bernardi, JoBatista, Giorgi, Manoli, Filippi, Laurenti, Catarina, Gilorimi, Joseph, Juanello, Gretia, u ħafna oħrajn li jinsabu f'dan ir-rapport. Bidla li seħħet l-aktar tul l-aħħar ħamsin sena, mill-miġja tal-Ordni ta' San Ġwann bħala ħakkiema ġodda tal-gżejjer Maltin.

*REF. C. E. M. 1560 /1615 Arkivju Mużew tal-Kattidral*

**Mario Gatt**

Nawguraw lis-Sur Angelo Pace L.(Mus). L.C.M. li din is-sena qed jiċċelebra għeluq il-50 sena jidderiġi l-Banda *La Stella* tal-Gudja.

Is-Sur Pace ilu għal dawn l-aħħar snin imexxi b'dedikazzjoni il-Kor Parrokkjali. Huwa wkoll responsabbli mill-orkestra fil-festi prinċipali tal-Knisja. Nirringrazzjawh u nawgurawlu.

La Barca
Bar & Restaurant
SPECIALISING IN SEAFOOD
& FRESH FISH
TRIQ IL-GARDIEL, MARSASCALA - MALTA TEL: 616754